MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2003

Numru 705/2001

**Il-Pulizija**
(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)
**vs**
**Frances Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Frances Gauci, bint Nazzarenu u Teresa Vassallo, imwielda Sliema fit-8 ta' Marzu 1971 u residenti No. 10/2, St George's Junction, ST Julians. Detentrici ta' Karta tal-Identita' bin-numru 130471 (M).

Talli:
F'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. F'Lulju 1998 u / jew fix-xhur ta' qabel u wara, mill-Fond Hysteria Creations sitwat f'Ball Street, Paceville, liema fond kien mikri lilha u lil-Rachael Satariano, ikkommettiet serq ta' diversi cekkijiet minn cheque-book tal-Bank of Valletta plc fuq l-akkont ta' Hysteria Creations ghad-dannu ta' Hysteria Creations, ghad-dannu ta' Hysteria Creationsa, Rachael Satariano, Bank of Valletta plc u persuni ohra, liema reat huwa aggravat bl-ammont, bil-hin, u bil-persuna, bi ksur ta' l-Artikolu 267, 268 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Xjentement laqghat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistat b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

c.Ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-isktrittura jew fil-firem, billi halqet pattijiet, disposizzjoniet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn pattijiet, dispossjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skitturi wara jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellu jkollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamlet falsifikazzjoni tal-firma' ta' Rachael Satariano u persuni ohra fuq cekkijiet tal-Bank of Valletta plc. U banek ohra, fuq akkonti ta' Hysteria Creations u aktar talli xjentement ghamlet uzu mill-istess atti, skitturi jew kitba falza u dan bi ksur ta' l-Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d B'mezzi kontra l-Ligi, jew billii ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn LM300 bi hsara ta' diversi persuni, fosthom Rachael Satariano, Hysteria Creations,

Bank of Valletta plc. U persuni ohra, bi ksur ta’ l-Artikoli 308, 309 u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzata m’ oggezzjonatx li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li fis-seduta ta’ llum l-akkuzzata ammettiet l-ewwel u t-tielet akkuza u ghalhekk issibha hatja taghhom.

Ma ssibhiex hatjat ta’ l-akkuzi l-ohra u tilliberaha minnhom.

Rat l-artikoli 261, 267, 268, 270, 183, 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif wkoll l-artikolu 9 tal-kapitolu 152 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Billi l-akkuzzata u d-derubata kienu jahdmu bhala negozjanti flimkien u illum irrangaw l-affarijiet ta’bejniethom tiddecidi li tapplika l-ahhar imsemmi artikolu.

Ghalhekk fil-waqt li ssib lil-akkuzzata hatja kif fuq imsemmi, tilliberaha taht il-provedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-ligijiet ta’Malta b’dan li ma taghmilx reat iehor fiz-zmien sena (1) mil-llum.

Il-Qorti qed tfisser lil hatja bi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza.

(ft) Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera kopja M. Mifsud, BA
Dep Reg.

--------------------------------TMIEM--------------------------------